MALTA

# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA

## Magistrat Francesco Depasquale

**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Illum l-Hamis, 1 ta' Novembru 2018**

Rikors Numru 199/2011

**Mr George Buttigieg**
**(780652M)**

**vs**

**Rebecca sive Becky Zarb Gauci Maestre**
**(ID 193780M)**

Il-Bord,

**1. Premessi**

1. Ra ir-rikors promotur ippresentat fit-23 ta' Gunju 2011 fejn ir-rikorrenti talab is-segwenti:

   *1. Prevja dikjarazzjoni ta' dina l-Qorti illi l-email tieghek intitolata 'Advice Please' mibghuta lil Parentcraft fi hdan l-iSptar Mater Dei datata l-24 ta' Gunju 2010 illi kopja tahha hija annessa bhala dokument A u illi taghha inti l-awtrici hija libelluza u malafamanti fil-konfront tar-rikorrenti u ghandha bhala skop illi ittellef jew tnaqqas ir-reputazzjoni tal-istess rikorrenti;*

   *2. Thallas lir-rikorrenti dik is-somma illi tigi likwidata minn dina l-Qorti ai termini tal-artikolu 28 tal-Ligi Dwar l-Istampa (Kap 248)*

2. Ra ir-risposta ta' l-intimata **Rebecca sive Becky Zarb Gauci Maestre** ippresentata fit-13 ta' Ottubru 2011 fejn laqa' ghal dak mitlub billi qajjmet is-segwenti difizi:

*1. Preliminarjament, illi l-email li hija l-bazi tal-azzjoni attrici giet ottenuta illegalment u bi ksur flagranti tal-Ligi (Kap 440) u ghalhekk ghandha tigi sfilzata mill-process.*

*2. Minghajr pregudizzju ghall premess, illi fil-kitba ezibita, l-attur la hu identifikat u anqas identifikabbli.*

*3. Fi-meritu, illi l-kontenut tal-kitba ezibita jammonta ghall-'fair comment'.*

## 2. Provi

1. Semghet ix-xhieda tar-rikorrent **George Buttigieg** moghtija fil 25 ta' Novembru 2011.
2. Semghet ix-xhieda tar-rikorrent George Buttigieg moghtija fit 8 ta' Frar 2012.
3. Semghet ix-xhieda ta' **Carmen Pace**, prodotta mil-intiamta, moghtija fis 16 ta' Marzu 2012, u li kienet irceviet l-email meritu tal-kawza odjerna.
4. Rat l-affidavit voluminuz tar-rikorrent George Buttigieg ippresentat fit 12 ta' Novembru 2012.
5. Semghet ix-xhieda ta' **Dr Brigitte Gafa'** prodott mir-rikorrent u moghtija fid 19 ta' April 2013.
6. Semghet ix-xhieda in kontro ezami tar-rikorrent moghtija fid 19 ta' April 2013.
7. Semghet ix-xhieda ta' **Dr Victor Calvagna** prodott mir-rikorrent u moghtija fl-10 ta' Ottubru 2014.
8. Semghet ix-xhieda ta' **Mr Ray Galea** prodott mir-rikorrent u moghtija fit-12 ta' Frar 2015.
9. Rat illi fil 11 ta' Novembru 2015 ir-rikorrent iddikjara illi ma kellux aktar provi. (fol 88A)
10. Rat l-affidavit voluminuz ta' l-intimata Becky Zarb Gauci Maistre ippresentat fil 15 ta' Frar 2016.
11. Semghet ix-xhieda ta' **Dr Paul Soler**, prodott mill-intimata u moghtija fil 25 ta' April 2016.
12. Rat l-affidavit ta' **Sarah Engerer** ppresentat mill-intimata fid 9 ta' Gunju 2016.
13. Rat l-affidavit ta' **Greta Azzopardi Gauci Maistre** ppresentat mill-intimata fid 9 ta' Gunju 2016.
14. Rat l-affidavit ta' **Michael Zarb** ppresentat mill-intimata fid 9 ta' Gunju 2016.
15. Rat l-affidavit ta' **Anna Marie Gauci Maistre** ppresentat mill-intimata fid 9 ta' Gunju 2016.
16. Rat illi fl-10 ta' Ottubru 2016 l-intimata ddikjarat illi ma kellhiex aktar provi.
17. Semghet il-kontro ezami ta' Becky Zarb Gauci Maistre illi saret fit 23 ta' Frar 2017.

18. Semghet il-kontro ezami ta' Becky Zarb Gauci Maistre illi saret fil 15 ta' Gunju 2017.
19. Semghet il-kontro ezami ta' Michael Zarb illi saret fid 9 ta' Ottubru 2017.

20. Semghet il-kontro ezami ta' Sarah Engerer illi saret fid 9 ta' Ottubru 2017.

21. Semghet il-kontro ezami ta' Dr Paul Soler illi saret fil 15 ta' Jannar 2018.

22. Semghet il-kontro ezami ta' Greta Azzopardi Gauci Maestre illi saret fil 15 ta' Jannar 2018.

23. Semghet il-kontro ezami ta' Annemarie Gauci Maestre illi saret fil 15 ta' Jannar 2018.

24. Rat illi fil 15 ta' Jannar 2018 l-istadju tas-smiegh tal-provi kienet dikjarata maghluqa u l-kawza giet differita ghas-sottomissjonjiet bil-miktub.

25. Rat is-sottomissjoniijet rikorrenti maghmulha bil-miktub fit-22 ta' Marzu 2018.

26. Rat is-sottomissjoniijet intimati maghmulha bil-miktub fil-11 ta' Ottubru 2018.

27. Rat illi fil 15 ta' Ottubru 2018 il-kawza giet differita ghas-sentenza ghallum.

**3. Konstatazzjonijiet fattwali.**

1. Jirrizulta illi r-rikorrent, meta nbdew il-proceduri odjerni, kien Senior Consultant Obstetrician & Gynaecological Surgeon gewwa l-Istpar Mater Dei, liema kariga huwa kien ilu jokkupa sa mis-sena 1992.

2. Jirrizulta illi l-intimata kienet klijenta tar-rikorrent u kienet taht il-kura tieghu ghat-tqala tatt-tarbija li hija eventwalment welldet f'Marzu 2010.

3. Jirrizulta illi fil-25 ta' Marzu 2010 l-intimata, wara sitta u tletin gimgha tqala, weldet lit-tifla taghha gewwa l-Isptar Capua St. James, twelid illi sar permezz ta' operazzjoni ta' cesarja taht it-tmexxija tar-rikorrent, bhala rizultat ta' liema operazzjoni twelditilha tifla fi stat tajjeb minghajr ma kellha ebda kumplikazzjonijiet rizultat tal-operazzjoni.

4. Jirrizulta illi gimghat wara illi l-intimata u t-tifla taghha gew rilaxxjati mill-Isptar minghajr ebda komplikazzjonijet, fit-23 ta' April 2010 l-intimata ddahhlet it-tarbija taghha minhabba problemi fin-nifs illi kienet qieghda tbaghti minnhom meta tixrob il-halib, liema problemi l-imputat tikkontendi li kien rizultat tal-fatt illi t-tifla twieldet ta' 36 gimgha, skond kif qalulha persuni mhux maghrufa mill-Isptar Mater Dei.

5. Jirrizulta illi fl-24 ta' Gunju 2010 l-intimata baghtet email lill-email address "*Parentcraft at MDH*', fejn hija kienet tattendi ghall-klassijiet qabel ma welldet, fejn qaltilhom is-segwenti:

   *Following a rather traumatic c-section, I have since discovered that I was lied to in a horrible way by my doctor, who forced me into the surgery under GA as soon as I went into labour, even refusing to remove my cervical stitch. He also put my baby at risk by sending us to a private hospital when she was not yet 36 weeks. I have since found out this has happened to a number of his patients. When I confronted him, he said I had PND and suggested I get professional help. I did, and i don't have PND but Post-traumatic Stress from the ordeal.*

*I don't want this to happen to any more unsuspecting mothers. I wish to be of help and lend my story to any group who could use it when campaigning for reducing the unnecesary c-section rate in Malta. I also require support myself and would appreciate if you could point me in the right direction.*

*We put our trust and lives in the hands of doctors, and pay them huge amounts of money for that prviledge. No mother deserves to be treated like a lump of meat or a cash cow!*

*Pregnancy should be more mid-wife oriented, just like it is in the UK. I want to make my horible experience count for something*

*Best Regards*

6. Jirrizulta illi dina l-email spiccat giet iccirkulata gewwa l-Isptar Mater Dei u wasslet fid-Dipartiment tal-Ostetricja u Ginekologija fejn kien jahdem ir-rikorrent, u ratha Carmen Pace, infermiera gewwa l-Isptar li kienet taf lir-rikorrent u li kienet taf illi l-intimata kienet pazjenta tar-rikorrent, u ta' dana gharrfet lir-rikorrent.

7. Jirrizulta illi sussegwentement r-rikorrent ikkonfrontaha dwar tali email u hija qalet li tali email ma kienetx intiza sabiex tixxerred u illi hija ma kienetx semmiet lir-rikorrent fl-email – u l-kwistjoni waqqfet hemm.

8. Jirrizulta, madanakollu, illi fl-10 ta' Gunju 2011, ftit anqas minn sena wara, l-intimata kitbet lir-rikorrent, tramite l-Avukat taghha, fejn interpellatu "*sabiex fi zmien gimgha inti tersaq ghall-likwidazzjoni u hlas ta' danni li hija sofriet minhabba nuqqasijiet professjonali, htija u negligenza f'intervent li sar fil-25 ta Marzu 2010.*"

9. Jirrizulta illi ftit jiem wara, u gurnata qabel ma skada t-termini ta' sena ghall-azzjoni ta' dana it-tip, fit 23 ta' Gunju 2011 inbdew il-proceduri odjerni mir-rikorrenti, presumibbilment in ritaljazzjoni ghall-ittra illi l-intimata kienet baghtet lir-rikorrent ftit jiem qabel.

## 4. Konsiderazzjoni abbazi tal-provi prodotti

1. Jirrizulta, mill-provi estensivi u voluminuzi prodotti mill-partijiet, illi r-rikorrent, illi kien il-persuna illi l-intimata kienet irrikorriet ghandu bhala Ginekologu meta harget tqila, mument minnhom, lejn l-ahhar tat-tqala, kien inkwetat dwar diffikultajiet illi l-intimata kienet tidher li ghaddejja minnha, liema diffikultajiet setghu kellhom konsegwenzi serji fuq it-tarbija illi l-intimata dak iz-zmien kienet qieghda ggorr maghha.

2. Jirrizulta, mill-istess provi, illi mument minnhom ir-rikorrent hass illi kien aktar opportun, ghall-inkolumita' tat-tarbija gewwa l-guf ta' l-intimata, illi huwa jibda l-process tat-twelid qabel dak previst u ghalhekk baghtha minnufih gewwa l-Isptar Capua St. James, fejn huwa kien jopera privatament.

3. Jirrizulta illi, rizultat ta' dan, fil-25 ta' Marzu 2010, wara operazzjoni ta' cesarja, fl-22.30pm twieldet it-tarbija ta' l-intimata, deskritta fir-records tal-midwife "*mother delivered an apparently healthy female*".

4. Jirrizulta illi fit-30 ta' Marzu 2010 l-intimata telqet mill-Isptar flimkien mat-tarbija, wara illi kie accertat illi l-ebda minnhom ma kellhom problemi, fejn ir-rapport tal-midwife jghid "*Both discharged home – no complaints*".

5. Jirrizulta illi fit-22 ta' April 2010, l-intimata dahhlet it-tarbija gewwa l-Istpar Mater Dei ssofri minn problemi biex tiekol li setghu ikollhom konsegwenzi serji, u wara illi inghatat il-kura kollha mehtiega, giet rilaxxjata hamest ijiem wara.

6. Jirrizulta illi waqt illi kienet l-Isptar persuni gewwa l-Isptar wissuha illi dawna l-problemi kienu dovut ghal fatt illi t-tarbija twieldet qabel il-gestazzjoni shiha li supost ikollha tarbija.

7. Jirrizulta illi gimghat wara illi t-tarbija giet rilaxxjata mill-Isptar, u hekk kif l-intimata kienet qieghda tbaghti minn '*birth-related post traumatic stress disorder*', kif minnha ammess (fol 105A), hija kienet qrat artikolu fuq it-Times of Malta fejn, fi kliema stess "*iddeskriva kif ir-rata ta' interventi mhux necessarji u cesarji kienu qed jikbru f'Malta*" (fol 106) u ghalhekk kitbet lill-parentcraft u baghtet l-email meritu tal-kawza odjerna sabiex taqsam maghhom l-esperjenza taghha u akkuzat l-agir tal-konsulent u tabib taghha illi, skond hi, iperikola hajjet it-tarbija taghha u uzaha bhala "*a lump of meat or a cash cow*".

## 5. Konsiderazzjonijiet dwar id-difiza mressqa

1. Jirrizulta illi l-intimata, fid-difiza taghha, qajjem tlett difizi principali, ossija (1) illi l-email giet ottjenuta illegalment mir-rikorrent, (2) illi r-rikorrent qatt ma kien identifikat u (3) illi l-kitba kienet attwalment '*fair comment*'.

### Email ottenuta illegalment

2. Dwar il-legalita' tal-email fil-pussess tar-rikorrenti, jirrizulta, mill-provi prodotti, illi l-email intbghatet mill-'*parentcraft*', illi kienet ir-recipjent tal-email meritu tal-kawza odjerna, lill-infermjiera Carmen Pace illi minnufih gharrfet illi l-kontenut tal-email kienet tirrigwarda ir-rikorrent, u ghalhekk hija ghaddiet kopja tal-email minufih lill-infermjiera illi tahdem flimkien mar-rikorrent, ossija Tessie Farrugia, li sussegwentement ghaddietha lir-rikorrent.

3. Ghalhekkk l-akkuza, taht l-premessa ta' difiza, maghmulha fil-konfront tar-rikorrent hija wahda bla bazi u tali linja difensjonali ma tistax titqies favorevolment.

4. **Il-Qorti ma tistax, f'dana l-istadju, ma tosservax illi kull min jaqbad u jibghat messagg b'mezz elettroniku, inkluz permezz ta' email, irid ikun konsapevoli tal-fatt illi tali messagg jista facilment jigi mxerred fil pubbliku, kemm mir-recipjent tal-email kif ukoll minn terzi illi jkunu rcevew il-messagg u l-mittenti ma ghandu ebda mezz sabiex jikkontrolla u/jew jipproibixxi illi dana jsehh, u ghalhekk l-utilizz ta' tali servizz modern ta' komunikazzjoni, jista dejjem iwassal ghall-pubblicita', anke jekk dana ma jkunx l-intenzjoni tal-mittenti – dana jfisser illi wiehed ghandu juza b'ferm aktar kawtela tali mezzi ta' komunikazzjoni peress illi jistghu facilment idahhlu lill-mittent f'xi kontroversja mhux mahsubha.**

**Rikorrent mhux identifikat**

5. Dwar id-difiza li r-rikorrent ma kienx identifikat u/jew identifikabbli fl-email illi baghtet l-intimata, il-Qorti tosserva illi tali email intbghatet lis-servizz ta' 'Parentcraft', illi huwa servizz pprovdut mill-qwiebel kemm qabel kif ukoll wara t-twelid u huwa servizz intrinsikament konness mad-Dipartiment tal-Ostetricja u Ginekologija.
6. Jirrizulta illi, fil-kawza **Alphonse Farrugia vs Joseph Fava et,** deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Superjuri) fil 15 ta' Jannar 1997, intqal is-segwenti:

> *Dwar l-identifikazzjoni tal-persuna allegatament malafamata hu ghal kollox immaterjali x'kienet l-intenzjoni ta' l-artikolista jew x'kellu f'rasu meta kiteb l-artikolu jew jekk f'mohhu dik il-persuna kinitx jew le indentifikata. Hu ghal kuntrarju materjali t-test ta' l-artikolu u jekk il-qarrej ordinarju anke jekk ben informat meta jaqra l-artikolu jasalx biex jidentifika l-persuna ta' l-attur. Dana b'mod naturali u minghajr processi kumplikati ta' eliminazzjoni jew analizi xort'ohra. Dan ukoll b'certu grad ta' certezza.*

7. Jirrizulta ukoll illi fil-kawza **Onor Angelo Farrugia vs Nicholas Cutajar et**, deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fid 29 ta' Settembru 2011, intqal illi:

> *Biex azzjoni ta' libell bl-istampa tirnexxi, l-kitba li tkun trid tabilfors tkun marbuta ma' l-persuna tal-parti attriċi, imqar jekk tkun indiretta jew "velata taħt xi figura jew oħra ta' espressjoni", u dan lil hinn minn jekk il-kittieb tal-istampat kellux f'moħħu lil dik il-persuna meta kiteb dak li kiteb. Madankollu, l-fatt li persuna ma tissemmiex b'isimha f'artiklu ma jfissirx li hija mċaħħda milli tmexxi 'l quddiem azzjoni ta' libell taħt l-Att dwar l- Istampa, jekk kemm-il darba mill-kontenut tal-istess artiklu joħroġ ċar min kienet il-persuna li dwarha nkiteb dak li nkiteb. F'dan ir-rigward, huwa miżmum li l-identita' tal-parti malafamata tista' tinġieb minn artikli oħra jew materjal ieħor li jkun inkiteb u li jitfa' dawl fuq l-identita' mistura tal-persuna fl-artiklu inkriminat, imqar jekk il- materjal l-ieħor ikun jikkonsisti f'kitba oħra sussegwenti tal-parti mħarrka. Imma l-kejl jibqa' dejjem wieħed li l- eżerċizzju jrid jitqies mill-perspettiva tal-qarrej li għalih l-artiklu jkun maħsub;*

8. Jirrizulta, mill-provi prodotti, illi ghalkemm il-kontenut tal-email ma jsemmi mkien lir-rikorrent, l-intimata, illi tidentifika lilha nniffisha fl-istess email u permezz tal-email address taghha, u tirrakkonta l-esperjenza taghha dwar tqala illi kienet ghadha kemm ghaddiet minnha, liema indikazzjoni kienet sufficjenti, ghall-min jahdem fid-Dipartiment tal-Ostetricja u Ginekologija, sabiex jasal ghal konkluzjoni biex jigi identifikat dwar min kienet qed tikteb u tilmenta u lejn min l-akkuzi kienu diretti.

9. Jirrizulta illi dana kien anke kkonfermat mill-fatt illi certa Carmen Pace, terza persuna illi ma kienetx ir-recipjenti originali tal-email, minnufih indunat illi l-intimata kienet qed taghmel referenza ghar-rikorrent fl-akkuzi taghha.

10. Jirrizulta, ghalhekk, illi d-difiza illi r-rikorrent ma kienx identifikat ma hijiex wahda illi dina l-Qorti tista tikkunsidra favorevolment.

**Fair Comment**

11. Dwar id-difiza ta' 'fair comment', l-intimata tishaq illi l-allegazzjonjiet kollha minnha maghmulha fl-email kienu korretti u ghalhekk kellha kull dritt illi taghmel tali kummenti u konkluzjonijiet.

12. Jirrizulta illi, kif kien stqarr Lord Denning fil-kawza **London Artists Ltd v Littler** [1969] 2 QB 375, 391:

> *"In order to be fair, the commentator must get his basic facts right. The basic facts are those which go to the pith and substance of the matter: see Cunningham-Howie v. Dimbleby [1951] 1 KB 360,364. They are the facts on which the comments are based or from which the inferences are drawn – as distinct from the comments or inferences themselves. The commentator need not set out in his original article all the basic facts: see Kemsley v. Foot [1952] AC 345; but he must get them right and be ready to prove them to be true."*

13. Jirrizulta ukoll illi dwar jekk id-difiza ta' "*fair comment*" tregix, fis-sens jekk dak illi qal l-intimat ghandhux jitqies bhala allegazzjoni ta' fatt jew "fair comment", l-Qorti taghmel referenza ghal dak illi stqarr Lord Potter f'diskors illi kien ghamel lill-House of Commons fis-sena 1952 [AC 345], fejn qal is- segwenti:

> *"The question, therefore, in all cases is whether there is a sufficient substratum of fact stated or indicated in the words which are the subject-matter of the action, and I find my view well expressed in the remarks contained in Odgers on Libel and Slander, 6th Edition (1929), p 166. 'Sometimes, however,' he says, 'it is difficult to distinguish an allegation of fact from an expression of opinion. It often depends on what is stated in the rest of the article. If the defendant accurately states what some public man has really done, and then asserts that 'such conduct is disgraceful,' this is merely the expression of his opinion, his comment on the plaintiff's conduct. So, if without setting it out, he identifies the conduct on which he comments by a clear reference. In either case the defendant enables his readers to judge for themselves how far his opinion is well founded; and, therefore, what would otherwise have been an allegation of fact becomes merely a comment. But if he asserts that the plaintiff has been guilty of disgraceful conduct, and does not state what that conduct was, this is an allegation of fact for which there is no defence but privilege or truth. The same considerations apply where a defendant has drawn from certain facts an inference derogatory to the plaintiff. If he states the bare inference without the facts on which it is based, such inference will be treated as an allegation of fact. But if he sets out the fact correctly, and then gives his inference, stating it as his inference from those facts, such inference will, as a rule be deemed a comment. But even in this case the writer must be careful to state the inference as an inference, and not to assert it as a new and independent fact; otherwise, his inference will become something more than a comment, and he may be driven to justify it as an allegation of fact.' (sottolinjar tal-Qorti)*

14. Jirrizulta illi l-intimata allegat, fl-email taghha, illi r-rikorrent gidbilha u gieghlha taghmel operazzjoni ta' cesarja minghajr ma kien mehtieg. Allegat ukoll illi qieghed lit-tarbija f'riskju u li dana l-agir tieghu sehh ma pazjenti ohra wkoll u kien intiz biss sabiex jaqla l-flus minn fuqha.

15. Jirrizulta, madanakollu, illi ebda minn tali allegazzjonijiet ma gew sostanzjati ghajr ghall-supossizzjonijiet medici u xhieda ta’ membri tal-familja taghhom ibbazati wkoll fuq konkluzjonijet mhux professjonali taghhom.

16. Jirrizulta, mill-banda l-ohra, illi t-tarbija twieldet f’sahhitha u baqghet f’sahhitha sakemm giet rilaxxjata mill-Isptar Capua St. James, u dana kif ikkonfermat kemm minn Carmen Pace, illi kienet il-midwife illi kienet responsabbli ghat-tqala u Dr Victor Calvagna, illi kien il-Paedatrician illi ha hsieb it-tarbija waqt it-twelid u anke wara – u l-intimata ma ressqet ebda prova illi t-tarbija soffriet xi konsegwenzi kif minnha allegat, ghajr ghall-fatt illi zmien wara kellha problema biex tiekol ghal ftit jiem, li terzi qalulha kien rizultat tal-fatt illi twieldet ta’ 36 gimgha.

17. Jirrizulta ukoll illi fl-ebda mument mat-tarbija kienet mqieghda f’riskju, u dana jidher car minn dokumentazzjoni esebita mil-istess intimata (u anke mir-rikorrent stess).

18. Jirrizulta car illi r-rikorrent qieghda l-funzjonijet tieghu bhala Gineologu b’success u welled it-tarbija ta’ l-intimata w ma kkawza l-ebda hsara la lit-tarbija u wisq anqas lill-intimata, illi sussegwentement kellha zewgt it-tfal ohra.

19. Jirrizulta, ghalhekk, illi minn dak illi allegat l-intimata fi-konfront tar-rikorrent, ma hemm assolutament xejn sostanzjalment veru, bir-rizultat illi d-difiza ta’ ‘fair comment’ minnha utilizzata ma tistax tregi u ma tistax titqies favorevolment minn dina l-Qorti.

## 6. Konsiderazzjonijiet dwar danni

1. Jirrizulta illi, fit-talba promotorju tieghu, ir-rikorrent talab illi l-intimata tigi kkundannata thallas danni ghal dak illi ghamlet.

2. Jirrizulta, madanakollu, illi ghalkemm il-Qorti giet inondata b’dokumentazzjoni teknici u medici in sostenn tal-argumentazzjoni tar-rikorrent, imkien ma kien hemm indikazzjoni dwar danni monetarji illi attwalment ir-rikorrent sofra.

3. Jirrizulta ukoll, illi l-Qorti ma tistax ma tosservax b’disappunt li l-kawza odjerna iddilunat eccessivament ghal aktar minn sebgha snin, liema dewmien certament ma jista jigi bl-ebda mod attribwit lill-Qorti, izda huwa dovut principalment ghax numru konsiderevoli ta’ talbiet ta’ differiment da’ parte tar-rikorrent personalment jew inkella tal-konsulent legali tar-rikorrent, liema dewmien certament ghandu jitqies meta l-Qorti qieghda tikkunsidra d-danni li ghandhom jigu likwidati w l-ispejjez.

4. Jirrizulta, finalment, illi huwa accettat, kemm mir rikorrent kif ukoll mill-intmata stess illi fil-mument illi hija kitbet l-email illi wasslet ghal-proceduri odjerna, hija kienet ghaddejja ‘*birth-related post traumatic stress disorder*’, liema sitwazzjoni certament kienet wahda mir-ragunijiet ghaliex l-intimata ghazlet illi tibghat l-email illi, kif tistqarr hija stess fl-affidavit taghha, ma kienetx kompliet issegwiha meta rat illi ma rceviet ebda risposta minghand il-grupp ‘parentcraft’ (fol 106). Ghalkemm ma jistax jitqies bhala skuzanti ghar-responsabbilta’ ta’ l-intimata ghal dak illi hija kitbet, certament ghandha titqies bhala fattur hija u tiddetermina d-danni li ghandhom jigu likwidati

## 7. Konkluzjoni

Il-Qorti,

Wara illi rat il-provi kollha prodotta quddiemha, u wara illi rat is-sottomissjonijeit bil-miktub ta' l-abbli difensuri taz-zewgt partijiet

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi l-kaz billi

**Tichad** l-eccezzjonijiet kollha ta' l-intimata,

**Tilqa** it-talbiet attrici, u ghalhekk, filwaqt illi

**Tiddikjara** illi l-kontenut tal-email datata 24 ta' Gunju 2010 u mibghuta mill-intimata lill grupp 'Parentcraft', kien libelluz u malafamanti fil-konfront tar-rikorrent George Buttigieg.

**Tikkundanna** lill-intimata thallas lir-rikorrent George Buttigieg is-somma ta' elf Euro (€1,000).

**Imghax** sad-data tal-pagament effettiv ikun a kariku ta' l-intimata.

Ghar-ragunijiet fuq gia indikati, kull parti ghandha tbaghti l-ispejjez taghha

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Rita Sciberras**
Deputat Registratur